# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Ġunju, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 2/2010/1 MCH**

***A.A.J.E. Abela Brothers Partnersh*ip, Mario Axiaq, *Carmelo Bros Partnership*, *N. & C. Camilleri Partnership*, Carmelo Fenech, John Fenech, *Lajmic Burdnara Partnership*, Carmelo Gatt, *G.S.L. Grech Brothers Partnership*, Philip Meli, Aaron Mizzi, John Mizzi, G*. & A. Refalo Partnership*, *Nazzareno Sammut & Sons Partnership*, Victor Vella, *E. & S. Zahra Brothers Partnership*, Alex Zammit, *V. Zammit & Sons Partnership*, *T. & R. Zammit Partnership* u *C. & F. Abela Partnership*, kollettivament magħrufa taħt l-isem *Burdnara Bulk Cargo Group*; u *Central Cement Limited* (C6108)**

***v.***

**L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni wara l-ilment ta' *Carmelo Meli Limited***

1. Dawn huma żewġ appelli – wieħed ta' *Central Cement Limited* u l-ieħor ta' *Burdnara Bulk Cargo Group* – minn sentenzi mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2014 ["l-ewwel sentenza appellata"] u fil-21 ta' Frar 2017 ["it-tieni sentenza appellata"] mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni ["it-tribun-

al"] illi ikkonferma deċiżjoni tas-6 ta' Jannar 2010 tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur ["l-uffiċċju"] illi bejn l-appellanti hemm ftehim jew prattika miftiehma bi ksur tal-art. 5(1) – "akkordji u prattiki projbiti" – tal-Att dwar il-Kompetizzjoni ["Kap. 379"].

2. Il-fatti li wasslu għal dan il-każ ġew imfissra hekk fit-tieni sentenza appellata:

> »Fis-6 ta' Marzu 2007 is-soċjetà lanjanti *Carmelo Meli Limited* (ġà *Salvu Meli & Sons Limited*) ressqet l-Ilment fil-konfront tal-appellanti *Burdnara Bulk Cargo Group* u *Central Cement Limited* quddiem l-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust fejn allegat li l-*Burdnara Bulk Cargo Group* eskludiet lis-soċjetà lanjanti mill-attivitajiet tal-ġarr tas-*cement* mill-port lejn diversi klijenti f'Malta u li *Central Cement Limited* naqset milli tirrikonoxxi d-dritt tas-soċjetà lanjanti u għalhekk milli tikkonċedi lill-istess soċjetà d-dritt li ġġor is-*cement* minn *Central Cement Limit*ed lill-klijenti tal-istess *Central Cement Limited* u dan kollu bi ksur tal-artikoli 5 u/jew 9 tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> »L-uffiċċju ddeċieda l-ilment nhar is-6 ta' Jannar 2010 fejn ikkonkluda li jeżisti akkordju vertikali bejn *Central Cement Limited* u l-membri tal-*Burdnara Bulk Cargo Group* u akkordju orizzontali bejn l-istess membri tal-*Burdnara Cargo Group* liema akkordju jew prattika miftiehma jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(1) tal-Kap. 379 in kwantu għandhom l-iskop li jipprevjenu l-kompetizzjoni fis-suq rilevanti tas-*cement* kif definit fl-istess deċiżjoni u għalhekk l-uffiċċju ordna fl-ewwel lok li *Central Cement Limited* u *Burdnara Bulk Cargo Group* jieqfu milli jipparteċipaw fl-akkordju jew prattika miftiehma fis-suq rilevanti u li *Central Cement Limited* għandha tibda tissuplixxi x-xogħol tagħha b'mod mhux esklussiv lil kwalunkwe burdnar li jitlob li jiġi hekk supplit.
>
> »L-uffiċċju sab li t-trasport u d-distribuzzjoni tas-*cement* griż (*bulk grey cement* u *bagged grey cement*) hu provdut b'mod esklussiv f'Malta mill-membri tal-*Burdnara Bulk Cargo Group* għal dawn l-aħħar erbgħin sena meta ħadd ma ried jagħmel tali xogħol u l-burdnara membri ta' dan il-grupp ingħaqdu għal dan il-għan. Qabel ma ġie ffurmat tali grupp jirriżulta li l-burdnara kienu jikkompetu bejniethom sabiex jipprovdu s-servizz in kwistjoni u kienet sitwazzjoni fejn ma kien hemm l-ebda organizzazzjoni bejn il-burdnara bir-riżultat li mhux kulħadd kien jaħdem u ma kienx hemm garanzija ta' xogħol. Illum però, wara li ġie ffurmat il-grupp, il-burdnara jaħdmu b'sistema ta' *roster* u għalhekk huma organizzati b'tali mod li x-xogħol hu maqsum bejniethom, tant li hemm anki rappreżentant tal-grupp li jieħu l-ordinijiet u jieħu ħsieb il-pagamenti tal-burdnara. Tirriżulta wkoll lista ta' prezzijiet għas-servizzi mogħtija mill-grupp, liema prezzijiet huma applikati mill-membri kollha tal-grupp. L-uffiċċju sab ukoll li kien hemm okkażjonijiet fejn il-*Burdnara Bulk Cargo Group* effettivament ipprekludew lil importaturi oħra tas-*cement* milli jorganizzaw id-distribuzzjoni tagħhom, jekk mhux *tramite* s-servizzi tal-grupp. Anke klijenti tal-istess grupp, għalkemm

għandhom id-dritt li jittrasportaw is-*cement* minnhom stess impurtat, ġew preklużi milli jagħmlu dan. Irriżulta wkoll li fuq medda ta' snin is-soċjetà lanjanti ġiet prekluża milli tifforma parti mill-*Burdnara Bulk Cargo Group*.

»Fir-rigward ta' *Central Cement Limited*, l-uffiċċju sab li bħala importatriċi tas-*cement* in kwistjoni tifforma parti mill-akkordju jew prattika miftiehma mal-*Burdnara Bulk Cargo Group* in kwantu effettivament irrifjutat li tqabbad lis-soċjetà lanjanti għas-servizz ta' transport u distribuzzjoni tas-*cement* minnha impurtat, u dan in kwantu, fi kliem l-istess *Central Cement Limited*, dan hu servizz allokat esklussivament lil *Burdnara Bulk Cargo Group*, u *Central Cement Limited* hu klijent tal-imsemmi grupp. Fil-fatt l-uffiċċju kkonkluda li l-parteċipazzjoni ta' *Central Cement Limited* bħala l-uniku importatur ta' *cement* griż hi indispensabbli sabiex il-*Burdnara Bulk Cargo Group* jilħqu l-għan tagħhom li jkunu d-distributuri esklussivi fis-suq in kwistjoni.«

3. L-uffiċċju għalhekk ħareġ "ordni ta' waqfien u ebda tkomplija". *Burdnara Bulk Cargo Group* fid-9 ta' Jannar 2010 u *Central Cement Limited* fit-12 ta' Jannar 2010 talbu illi din id-deċiżjoni tal-uffiċċju titressaq quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust (kif kien jissejjaħ it-tribunal fiż-żmien relevanti) għall-istħarriġ, kif kien igħid dak iż-żmien l-art. 13A tal-Kap. 379.

4. Fis-sottomissjonijiet tagħha quddiem l-uffiċċju l-*Burdnara Bulk Cargo Group* kienet osservat illi:

»(1) l-allegat ksur tal-liġi, jekk jiġi konfermat bħala tali, għandu effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri u kwindi jikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 101 TFUE (ġà 81 KE) mhux kif intqal mid-direttur fid-deċiżjoni lanjata li huwa materja purament interna u li l-analiżi għalhekk tibda u tieqaf mal-artikolu 5 tal-Kap. 379;

»(2) meta tali aġir ikun jikser it-Trattat, *ai termini* tar-Regolament 1/2003/KE id-direttur (bħala *National Competition Authority*) mhux biss jista' u għandu japplika t-Trattat iżda ma jistax japplika liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni li tkun aktar stretta mid-disposizzjonijiet tat-Trattat (art. 101 TFUE *et seq.*);

»(3) fuq il-bażi tat-Trattat imbaghad l-aġir lanjat huwa espressament eskluż mis-sindikabilità taht l-artikolu 101 bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti nru 1017/68/KEE u 169/2009/KE li fihom deroga/eżenzjoni settorjali u jgħidu li r-regoli tal-kompetizjoni ma japplikawx għal impriżi żgħar u medji li joperaw fis-settur tat-trasport u l-ġarr ta' merkanzija.«

5. Dwar dawn is-sottomissjonijiet, l-uffiċċju kien osserva illi:

»32. The O[ffice for] F[air] C[ompetition] is obliged when applying national competition law to agreements and/or concerted practices between undertakings which may appreciably affect trade between member states also to apply article 101. The OFC does not consider that the agreement/concerted practice may appreciably affect trade between member states. The agreement and/or concerted practice concerns the national market for the provision of road haulage services only. Accordingly, since it results to the OFC that there is no infringement of article 101, it is not under a duty, in terms of article 12A(3) of the Competition Act, to make a report to the Commission for Fair Trading so that it may issue a decision thereon.«

6. Fl-ewwel sentenza appellata t-tribunal warrab l-argument tal-appellanti dwar jekk l-imġieba tagħhom tolqotx il-kummerċ bejn l-istati membri tal-Unjoni għal raġunijiet li fissirhom hekk:

»Kuntrarjament għal dak li intqal mill-uffiċċju, il-*Burdnara Bulk Cargo Group* isostnu li l-aġir in kwistjoni, misjub bħala illegali mill-istess uffiċċju, fil-fatt għandu effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri u għal-hekk għandhom japplikaw ukoll id-disposizzjonijiet tal-artikolu 101 (ġà 81) tat-Trattat dwar il-Funzjonijiet [*recte*, il-Funzjonament] tal-Unjoni Ewropea (“it-Trattat”). Għalhekk, l-appellanti *Burdnara Bulk Cargo Group* isostnu li, minħabba n-natura tal-ftehim in kwistjoni, għal dan l-aġir allegatament illegali għandu japplika mhux biss l-artikolu 5 tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta’ Malta iżda l-uffiċċju hu obbligat, *ai termini* tar-Regolament 1/2003/KE, li japplika anke t-Trattat, però ma jistax japplika liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni li tkun aktar stretta mid-disposizzjonijiet tat-Trattat. Dan ingħad mis-soċjetà appellanti in kwantu ġaladarba jiġi applikat it-Trattat, u l-leġislazzjoni sussidjarja promulgata bis-saħħa tal-istess Trattat, għandu jirriżulta li l-aġir in kwistjoni hu eżenti mid-disposizzjonijiet relativi u għalhekk l-artikolu 101 ma japplikax għall-istess aġir.

»Min-noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi, jidher li hemm qbil bejn il-*Burdnara Bulk Cargo Group* u l-uffiċċju li, meta ftehim jista’ jolqot il-kummerċ bejn l-istati membri, *oltre* l-liġi nazzjonali għandu jiġi applikat l-artikolu 101 tat-Trattat. Hemm qbil ukoll dwar li awtorità nazzjonali, fl-applikazzjoni tal-liġi lokali, ma tistax tipprojbixxi tali ftehim jekk dan hu permess *ai termini* tat-Trattat. Dan kollu jirriżulta mill-artikolu 3 tar-Regolament 1/2003/KE:

»“3 (1) Fejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u qrati nazzjonali japplikaw liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għal ftehim, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet tal-impriża jew prattiċi miftiehma fis-sens tal-Artikolu 81(1) (illum 101(1)) tat-Trattat li jista’ jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens ta’ din id-disposizzjoni, dawn ħa japplikaw ukoll l-Artikolu 81 tat-Trattat għal ftehim bħal dawn, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma. Fejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jew qrati nazzjonali japplikaw liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għal xi kwalunkwe abbuż projbit mil-Artikolu 82 tat-Trattat, dawn ħa japplikaw ukoll l-Artikolu 82 tat-Trattat.

> »"(2) L-applikazzjoni tal-liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ma tistax twassal għal projbizzjoni ta' ftehim, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet tal-impriża jew prattiċi miftiehma li jista jaffetwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri imma ma jirrestrinġix il-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 81(1) tat-Trattat, jew ma jilħaqx il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat jew li huma kopruti minn xi Regolament għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat. Stati Membri mhux taħt dan ir-Regolament jiġu preklużi milli jadottaw u japplikaw fuq it-territorju tagħhom liġijiet nazzjonali aktar stretti li jipprojbixxu jew jissanzjonaw kondotta unilaterali imqabdin biex jaħdmu min xi impriża."

»Dan l-artikolu hawn fuq ċitat jinsab ukoll fil-Kapitolu 379 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 3(2), magħruf bħala l-*convergence rule*, hu riprodott hekk fil-Kap. 379:

> »"5. (6) L-applikazzjoni tas-subartikoli (1), (2) u (3) ma titqiesx li twassal biex tinkludi l-projbizzjoni ta' xi ftehim, deċiżjoni minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi jew prattiċi miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn Stati Membri iżda li ma jirrestrinġux il-kompetizzjoni fil-kuntest tal-Artikolu 101(1) tat-TFUE jew li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 101(3) tat-TFUE, jew li jinkwadraw f'xi Regolament għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-TFUE."

»Dak li m'hemmx qbil dwaru bejn l-istess partijiet hu dwar jekk l-aġir in kwistjoni jistax jaffettwa il-kummerċ bejn l-istati membri. F'dan ir-rigward, mill-paragrafu 32 tad-deċiżjoni hawn fuq ċitat, l-uffiċċju kkonkluda li l-aġir in kwistjoni ma jaffettwax il-kummerċ bejn l-istati membri u għalhekk konsegwentement l-artikolu 101 m'huwiex applikabbli. Hawnhekk it-tribunal jinnota li l-uffiċċju ma ta l-ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni ta' kif wasal għal tali konklużjoni.

»Mil-linji gwida relattivi maħruġa mill-Kummissjoni ("il-Linji Gwida") jirriżulta li hemm tliet elementi li jridu jiġu kkunsidrati fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-effett fuq is-suq. L-ewwel element hu dak tal-kummerċ bejn stati membri. F'dan ir-rigward il-Linji Gwida jgħidu, *inter alia*, dwar il-kunċett ta' 'kummerċ' li "*trade is not limited to traditional exchanges of goods and services. It is a wider concept, covering all cross-border economic activity including establishment*" u li dan il-kunċett ta' kummerċ "*also encompasses cases where agreements or practices affect the competitive structure of the market. Agreements and practices that affect the competitive structure inside the Community by eliminating or threatening to eliminate a competitior operating within the Community may be subject to the Community competition rules*". Il-Linji Gwida jgħidu wkoll li "*The application of the effect on trade criterion is independent of the definition of relevant geographic markets*". Ghalhekk, għalkemm il-ftehim in eżami jirrigwarda t-territorju Malti, dan xorta waħda jista' jkollu effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri, però l-effett in kwistjoni irid ikun tali li jelimina, jew għandu l-potenzjal li jelimina, kompetituri li joperaw fil-Komunjoni [*sic*].

»It-tieni element li jrid jigi kkunsidrat hu dak imsejjaħ fil-Linji Gwida bħala *the notion 'may affect*' u *cioè* li "*it must be possible to forsee with a sufficient degree of probability on the basis of a set of objective factors of law or fact that the agreement or practice may have an influence, direct or indirect, actual or potential, on the pattern of trade between Member States*". Dan ifisser, *inter alia*, li l-kunsiderazzjoni dwar jekk il-ftehim jew prattika għandhiex effett fuq is-suq trid tkun

imsejsa fuq fatturi oġġettivi, u l-intenzjoni suġġettiva tal-intrapriżi mhux meħtieġa. *Inoltre*, m'huwiex meħtieġ li l-ftehim jew prattika attwalment ikollhom jew kellhom effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri, iżda "*it is sufficient that the agreement or practice is capable of having such an effect*". Għal dak li jirrigwarda *pattern of trade*, il-Linji Gwida jgħidu li "*The term pattern of trade is neutral. It is not a condition that trade be restricted or reduced. ... Indeed, Community law jurisdiction is established if trade between Member States is likely to develop differently with the agreement or practice compared to the way in which it would probably have developed in the absence of the agreement or practice*".

»It-tielet element hu *the concept of appreciability*, u *cioè,* "*a quantitative element, limiting Community law jurisdiction to agreements and practices that are capable of having effects of a certain magnitude*". "*The assessment of appreciability depends on the circumstances of each individual case, in particular the nature of the agreement and practice, the nature of the products covered and the market position of the undertakings concerned". "Market share alone, however, has not always been considered the decisive factor. In particular, it is necessary also to take account of the turnover of the undertakings in the products concerned. Appreciability can thus be measured both in absolute terms (turnover) and in relative terms, comparing the position of the undertaking(s) concerned to that of other players on the market (market share)*". Però, "*the application of the appreciability test does not necessarily require that relevant markets be defined and market shares calculated*".

»Fl-analizi tal-*concept of appreciability*, il-paragrafu 52 tal-Linji Gwida jipprovdi hekk:

> »"The Commission holds the view that in principle agreements are not capable of appreciably affecting trade between Member States when the following cumulative conditions are met:
>
> »"(a) The aggregate market share of the parties on any relevant market within the Community affected by the agreement does not exceed 5%; and
>
> »"(b) In the case of horizontal agreements, the aggregate annual Community turnover of the undertakings concerned in the products covered by the agreement does not exceed 40 million euro. ... In the case of vertical agreements, the aggregate annual Community turnover of the supplier in the products covered by the agreement does not exceed 40 million euro."

»Għalhekk teżisti presunzjoni negattiva li ftehim ma jolqotx il-kummerċ bejn l-istati membri meta jissussistu dawn iż-żewġ kundizzjonijiet. Teżisti wkoll presunzjoni posittiva fil-Linji Gwida fil-paragrafu sussegwenti: "... *In the case of agreements that by their very nature are capable of affecting trade between Member States it can also be presumed that such effects are appreciable when the market share of the parties exceeds the 5% set out in the previous paragraph*". Għalhekk, fir-rigward ta' dawk il-ftehim li min-natura tagħhom jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-istati membri, il-presunjoni hi li l-element tal-*appreciability* jiġi sodisfatt meta l-*market share* tal-partijiet fil-ftehim jeċċedi l-5%.

»Esposti dawn it-tliet elementi, il-Linji Gwida jipprovdu wkoll eżempji fejn il-prinċipji hawn fuq imsemmija jiġu applikati għall-ftehim komunement misjuba. Fil-Linji Gwida jingħad li, "*With a view to providing additional guidance on the application of the effect on trade concept it is therefore useful to consider various common types of agreements and practices. In the following sections a primary distinction is drawn between agreements and practices that cover several Member States and agreements and practices that are confined to a single Member State or to part of a single Member State*". Fir-rigward ta' ftehim li jkopri stat membru wiehed, jingħad li "*It should be recalled that for there to be an effect on trade between Member States it is not required that trade is reduced. It is sufficient that an appreciable change is capable of being caused in the pattern of trade between Member States. Nevertheless, in many cases involving a single Member State the nature of the alleged infringement, and in particular, its propensity to foreclose the national market, provides a good indication of the capacity of the agreement or practice to affect trade between Member States. Horizontal cooperation agreements ... which are confined to a single Member State and which do not directly relate to imports and exports, do not belong to the category of agreements that by their very nature are capable of affecting trade between Member States. Horizontal cooperation agreements may, in particular, be capable of affecting trade between Member States where they have foreclosure effects. Vertical agreements covering the whole of a Member State may, in particular, be capable of affecting patterns of trade between Member States when they make it more difficult for undertakings from other Member States to penetrate the national market in question, either by means of exports or by means of establishment (foreclosure effect)*".

»Applikati dawn il-principji għall-każ in eżami, it-tribunal ma jqisx li l-ftehim in kwistjoni jaffettwa l-kummerċ bejn l-istati membri. It-tribunal ma jaqbilx mat-teżi tal-*Burdnara Bulk Cargo Group* li l-ftehim in eżami hu wieħed li min-natura tiegħu jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-istati membri. Il-ftehim in kwistjoni, kemm dak orizzontali bejn il-membri tal-*Burdnara Bulk Cargo Group* u kemm dak vertikali bejn l-istess *Burdnara Bulk Cargo Group* u *Central Cement Limited*, jikkoncerna t-trasport tal-prodott impurtat, mill-port għad-destinazzjoni finali, però ma jikkonċernax *per se* l-importazzjoni tal-prodott fil-pajjiż. Għalhekk il-presunzjoni posittiva misjuba fil-Linji Gwida ma ġietx sodisfatta in kwantu għalkemm il-*Burdnara Cargo Group* għandhom aktar minn 5% tas-suq tal-ġarr tas-siment u fil-kaz tal-*Central Cement Limited* aktar minn 5% tas-suq tal-importazzjoni tal-istess siment, il-ftehim in eżami jirrelata għas-suq tat-trasport tas-siment ġaladarba jidħol fil-port u mħux għas-suq tal-importazzjoni tas-siment, li m'huwiex ftehim li min-natura tiegħu jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-istati membri. Fi kwalunkwe każ, ġà ingħad li l-*market share* waħdu m'huwiex fattur determinanti u li għandu jittieħed in kunsiderazzjoni wkoll it-*turnover* relattiv, li fil-każ *de quo* ma ġiex ippruvat li jlaħħhaq il-figuri msemmija fil-Linji Gwida. Għaldaqstant, it-tielet element fil-Linji Gwida, u *cioè* l-conc*ept of appreciability*, ma ġiex sodisfatt in kwantu ma jirriżultax li l-effetti tal-ftehim mertu tal-appell odjern huma ta' portata tali li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-istati membri.

»*Oltre* l-aspett kwantitattiv, it-tribunal hu wkoll tal-fehma li l-ftehim in eżami ma għandux il-potenzjal li jaffettwa l-kummerċ bejn l-istati membri in kwantu anqas ma ġie sodisfatt li l-ftehim għandu *fore-closure effect* fuq is-suq lokali kif provdut fil-Linji Gwida. Fil-każ tal-ftehim vertikali bejn il-*Burdnara Bulk Cargo Group* u *Central Cement Limited*, dan il-ftehim ma jostakolax intrapriżi minn stati membri oħra milli jidħlu fis-suq tal-importazzjoni tas-siment hawn Malta (u *cioè* jidħlu f'kompetizzjoni ma' *Central Cement Limited*), jekk tali intrapriżi jottjenu l-permessi meħtieġa. Il-ftehim vertikali hu esklussiv fis-sens li qed jiġi allegat li *Central Cement Limited* assenjaw it-trasport tas-siment esklussivament favur il-*Burdnara Bulk Cargo Group* b'eskluż-joni ta' burdnara oħra; però dan ma jfissirx li intrapriża kompetitriċi ta' *Central Cement Limited* hija miċħuda mid-dritt li tqabbad lill-istess *Burdnara Bulk Cargo Group* jew kwalsiasi burdnara oħra (bħal-lanjant *Carmelo Meli Limited*) għall-ġarr tas-siment. Min-naħa l-oħra, fil-każ tas-suq tal-ġarr tas-siment, u għalhekk dan jinkludi wkoll il-ftehim orizzontali bejn il-membri tal-*Burdnara Bulk Cargo Group*, il-Linji Gwida jipprovdu li "*In addition to the factors already mentioned, it is necessary to take account of the legal and factual environment in which the agreement or practice operates. ... If there are absolute barriers to cross-border trade between Member States, which are external to the agreement or practice, trade is only capable of being affected if those barriers are likely to disappear in the foreseeable future*". L-uffiċċju ssottometta li jeżisti ostaklu għall-kummerċ bejn l-istati membri li m'huwiex relatat għall-ftehim in kwistjoni in kwantu jeżisti numru limitat ta' burdnara liċenzjati. Dan ingħad ukoll mill-uffiċċju fid-deċiżjoni: "*Administrative provision has restricted the number of cargo clearance and forwarding agents licences (numerus clausus) and has allowed the licence to be passed on hereditarily*". Dan ma ġiex kontradett mill-partijiet. Għalhekk, ma jistax jingħad li l-ftehim in kwistjoni joħloq *foreclosure effect* fir-rigward ta' intrapriżi minn stati membri oħra. Għaldaqstant, il-ftehim mertu tal-appell odjern m'għandux effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri u kwindi l-artikolu 101 tat-Trattat m'huwiex applikabbli.«

7. Fit-tieni sentenza appellata mbagħad it-tribunal kompla ddeċieda hekk:

»… jiċħad it-talbiet tal-*Burdnara Bulk Cargo Group* u ta' *Central Cement Limited* għar-reviżjoni tad-deċiżjoni u konsegwentement jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Uffiċċu tas-6 ta' Jannar 2010 fl-intier tagħha.«

8. Ir-raġunijiet li wasslu lit-tribunal għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fit-tieni sentenza appellata:

»Il-*Burdnara Bulk Cargo Group* qegħdin jissottomettu fl-ewwel lok li l-aġir lanjat huwa eżentat minn analiżi *ai termini* tal-artikoli 5 u 9 tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 101 u 102 tat-Trattat u dan bis-saħħa tar-Regolamenti 169/2009/KE u 1017/68/KEE, liema Rego-lamenti jikkategorizzaw l-aġir lanjat bħala wiehed eżentat. It-tribunal jinnota li l-*Burdnara Bulk Cargo Group* ġà ressqu talba u sottomiss-

jonijiet f'dawn il-proċeduri sabiex l-aġir lanjat jigi ddikjarat bħala eżentat *ai termini* tar-Regolamenti msemmija in kwantu, skont il-*Burdnara Bulk Cargo Group*, tali Regolamenti huma applikabbli peress li l-aġir lanjat għandu effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri. Però t-tribunal ġà esprima ruħu u ddeċieda li fil-fatt l-aġir lanjat m'għandux effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri u li per konsegwenza r-Regolamenti in kwistjoni u l-eżenzjonijiet relattivi m'humiex applikabbli in kwantu l-artikolu 101 tat-Trattat (li fir-rigward tiegħu japplikaw l-eżenzjonijiet imsemmija) hu applikabbli biss meta l-aġir lanjat ikollu effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri.

»Issa l-*Burdnara Bulk Cargo Group* qegħdin xorta waħda jippretendu li tali eżenzjonijiet riżultanti mir-Regolamenti 169/2009/KE u 1017/68 /KEE għandhom jiġu applikati għall-aġir lanjat, mhux in kwantu tali aġir għandu effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri, iżda peress li, skont l-istess grupp, tali hija l-prassi tal-uffiċċju li, anke fejn l-aġir in kwistjoni ma jkunx jaffettwa l-kummerċ bejn l-istati membri, u kwindi ma jkollux dimensjoni Ewropea, l-awtoritajiet Maltin dejjem u konsistentement applikaw l-eżenzjonijiet kollha naxxenti mir-Regolamenti Komunitarji. F'dan ir-rigward il-*Burdnara Bulk Cargo Group* spjegaw li l-eżenzjonijiet komunitarji kienu ġew introdotti fil-liġi Maltija permezz ta' diversi Avviżi Legali li però ġew sussegwentement revokati u ma ġewx promulgati *block exemption regulations* ġodda f'Malta fil-forma ta' Avviżi Legali. *Ciò nonostante*, l-grupp qiegħed isostni li l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni qiegħda tapplika direttament il-*block exemptions* komunitarji għal sitwazzjonijiet kompletament domestiċi.

»It-tribunal ma jaqbilx mat-teżi tal-*Burdnara Bulk Cargo Group*. L-eżenzjonijiet in kwistjoni japplikaw fir-rigward tal-artikolu 101 tat-Trattat u ġà ġie deċiż mit-tribunal li l-artikolu 101 m'huwiex applikabbli fil-każ in eżami in kwantu l-aġir lanjat m'għandux effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri. L-eżenzjonijiet riżultanti mir-Regolamenti 169/2009/KE u 1017/68/KEE huma maħsuba għal akkordji jew prattiċi miftiehma li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-istati membri. Tali Regolamenti ma japplikawx għall-artikolu 5 tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, il-*carrying capacity* tal-*Burdnara Bulk Cargo Group*, kemm kollettiv u anki dak individwali ta' kull membru, żgħir kemm hu żgħir u għalkemm ma jeċċedix l-limitu msemmi fir-Regolamenti, fil-mument tal-ilment jikkostitwixxi u jirrappreżenta prattikament is-suq kollu tat-trasport u d-distribuzzjoni tas-siment griż f'Malta u f'Għawdex. Għalhekk l-attività in kwistjoni ma tistax titqies bħala waħda minima fil-kuntest tas-suq domestiku. *Inoltre*, ma nġiebet l-ebda prova jew eżempji ta' każijiet oħra fejn dawn ir-Regolamenti ġew applikati għal ċirkustanzi purament domestiċi, kif allegat mill-*Burdnara Bulk Cargo Group*.

»Fit-tieni lok il-*Burdnara Bulk Cargo Group* isostni li l-artikolu 5(3) tal-Kap. 379 hu applikabbli għall-każ in eżami. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> »"(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' –
>
> > »"(*a*) ftehim bejn intraprizi; jew
> >
> > »"(*b*) deċiżjoni minn assocjazzjoni ta' intraprizi; jew
> >
> > »"(*ċ*) xi prattika miftiehma,
>
> »"li f'kull każ jikkontribwixxu lejn l-iskop ta' titjib fil-produzzjoni jew fid-distribuzzjoni ta' oġġetti jew servizzi jew fil-promozzjoni ta'

progress tekniku jew ekonomiku u li jkunu jippermettu lill-konsumatur igawdi sehem ekwu mill-benefiċċju li jirriħulta u li:

»"(i) ma jimponix fuq l-intrapriżi involuti xi restrizzjoni li ma tkunx indispensabbli biex jintlaħaq l-iskop imsemmi; jew

»"(ii) ma jagħtix lill-intrapriżi involuti l-possibilità li jeliminaw jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni għarrigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti li jirreferu għalihom il-ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma."

»Dan is-subinċiż hu mmudellat fuq l-artikolu 101(3) (ġà 81(3)) tat-Trattat. Fil-*Commission Guidelines on the application of Article 81(3) of the Treaty*[1] ingħad li:

»"The aim of the Community competition rules is to protect competition on the market as a means of enhancing consumer welfare and of ensuring an efficient allocation of resources. Agreements that restrict competition may at the same time have pro-competitive effects by way of efficiency gains. Efficiencies may create additional value by lowering the cost of producing an output, improving the quality of the product or creating a new product.

»"When the pro-competitive effects on an agreement outweigh its anti-competitive effects the agreement is on balance pro-competitive and compatible with the objectives of the Community competition rules. The net effect of such agreements is to promote the very essence of the competitive process, namely to win customers by offering better products or better prices than those offered by rivals. This analytical framework is reflected in Article 81(1) and 81(3). The latter provision expressly acknowledges that restrictive agreements may generate objective economic benefits so as to outweigh the negative effects of the restriction of competition."[2]

»"Article 81(3) sets out four criteria, all of which must be satisfied if the agreement is to benefit from it[3]. The onus is on the undertaking or undertakings invoking the benefit of the exception[4]. The exception rule applies for as long as the four conditions are met. It ceases to apply when that is no longer the case[5]."

»L-erba' kriterji li jirriżultaw mill-artikolu 81(3) huma: (i) li l-ftehim, akkordju jew prattika miftiehma tikkontribwixxi lejn l-iskop ta' titjib fil-

---

1 »(2004) OJ C101/97«

2 »*Ibid*. para. 33«

3 »"The requirements are cumulative, Case T-528/93, Metropole Television SA *v*. Commission (1996) ECR II-649, (1996) 5 CMLR 386 para. 86. In case T-65/98, Van den Bergh Foods (2004) 4 CMLR, para. 144 the CFI thus held that once it had been concluded that the Commission had been correct to find that the first criterion of Article 81(3) had not been met it was unnecessary to consider whether or not the other criteria had been satisfied."«

4 »Artikolu 5(4), Kap. 379 – "L-intrapriża jew assoċjazzjoni ta' intrapriżi li jitolbu l-benefiċċju tas-subartikolu (3) għandhom ikunu responsabbli li jippruvaw li l-kondizzjonijiet ta' dak is-subartikolu jkunu qegħdin jiġu sodisfatti."«

5 »Jones and Sufrin, *EC Competition Law*, Oxford University Press, 2nd Ed., p. 234«

produzzjoni jew fid-distribuzzjoni ta' oġġetti jew servizzi jew fil-promozzjoni ta' progress tekniku jew ekonomiku; (ii) li l-ftehim, akkordju jew prattika miftiehma tkun tippermetti li l-konsumatur igawdi sehem ekwu mill-benefiċċju li jirriżulta; (iii) li l-ftehim, akkordju jew prattika miftiehma ma timponix fuq l-intrapriżi involuti xi restrizzjoni li ma tkunx indispensabbli biex jintlaħaq l-iskop imsemmi; u (iv) li l-ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma ma tagħtix lill-intrapriżi involuti l-possibilità li jeliminaw jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni.

»Għalkemm l-oneru jinkombi fuq l-appellanti li jippruvaw li l-aġir in kwistjoni jissodisfa dawn l-erba' kriterji, il-*Burdnara Bulk Cargo Group* ressqet is-sottomissjonijiet tagħha fuq tlieta mill-kriterji biss, fejn tallega li l-aġir lanjat ma eliminax u ma naqqasx il-kompetizzjoni u dan in kwantu fil-mori tal-każ daħlu operaturi oħrajn fis-suq rilevanti u tallega wkoll li kien bis-saħħa tal-operat tal-grupp li kien hemm servizz tajjeb, irħis u regolari fis-suq rilevanti li għalhekk ikkontribwixxa għal titjib fis-servizz u li ppermetta lill-konsumatur igawdi ukoll sehem ekwu mill-benefiċċju li rriżulta.

»Il-*Burdnara Bulk Cargo Group* ma ressqet l-ebda sottomissjoni fir-rigward tat-tielet kriterju tal-artikolu 5(3) u *cioè* li l-ftehim jew prattika miftiehma ma timponix fuq l-intrapriżi xi restrizzjoni li ma tkunx indispensabbli sabiex jintlaħaq l-iskop tagħhom. Fir-rigward ta' dan it-tielet kriterju ingħad li

> »"An agreement which satisfies the first two positive criteria set out in Article 81(3)[6] must only contain restrictions which are indispensable to the achievement of the benefits shown to result from the agreement[7]. According to the third condition of Article 81(3) the restrictive agreement must not impose restrictions, which are not indispensable to the attainment of the efficiencies created by the agreement in question. This condition applies a two-fold test. First, the restrictive agreement as such must be reasonably necessary in order to achieve the efficiencies. Secondly, the individual restrictions of competition that flow from the agreement must also be reasonably necessary for the attainment of the efficiencies[8]. In the context of the third condition of Article 81(3) the decisive factor is whether or not the restrictive agreement and individual restrictions make it possible to perform the activity in question more efficiently than would have been the case in the absence of the agreement or the restriction concerned. The question is not whether in the absence of the restriction the agreement would not have been concluded, but whether more efficiencies are produced with the agreement or restriction than in the absence of the agreement[9]. Restrictions will not therefore be indispensable if the efficiencies specific to the agreement can be achieved by other practicable and less restrictive means, or if individual restrictions are not reasonably necessary to produce the efficiencies. Conversely, a restriction will be indispensable if its absence would eliminate or significantly

[6] »Għalkemm mhuwiex qed jingħad li dawn ġew sodisfatti f'dan il-każ.«

[7] »Jones and Sufrin, *EC Competition Law*, Oxford University Press, 2nd Ed., p. 241«

[8] »*Commission Guidelines on the application of Article 81(3) of the Tre*aty, (2004) OJ C101/97, para. 73«

[9] »*Ibid.* para. 74«

> reduce the efficiencies that follow from the agreement or make it significantly less likely that they will materialise. The assessment of indispensability must be made within the actual context in which the agreement operates.[10]"

»Għalkemm jidher illi fil-mori s-soċjetà lanjanti saret tifforma parti mill-*Burdnara Bulk Cargo Group* u għalhekk ma jidhirx li għad għandha interess f'dawn il-proċeduri, fil-mument tal-ilment jirriżulta li l-*Burdnara Bulk Cargo Group* imponiet fuq *Central Cement Limited*, li min-naħa tagħha aċċettat, li tuża s-servizzi tal-grupp għall-ġarr u t-trasport ta' *cement* b'mod esklussiv u fil-fatt *Central Cement Limited* irrifjutat li tuża s-servizzi tas-soċjetà lanjanti proprju in kwantu, kif iddikjarat l-istess *Central Cement Limited* b'risposta għat-talba tal-lanjanti, *"the transport of cement is a task exclusively allocated to the Burdnara Bulk Cargo Group*". Jirriżulta wkoll li fil-mument tal-ilment kemm *Central Cement Limited* u kif ukoll importaturi oħra tas-*cement* kienu ġew preklużi mill-*Burdnara Bulk Cargo Group* milli jġorru u jittras-portaw huma stess is-*cement* minnhom impurtat u għalhekk kellhom jużaw biss is-servizzi tal-istess grupp. Ma ġiex ippruvat u ma jirriżultax li tali restrizzjonijiet huma indispensabbli sabiex il-membri tal-*Burdnara Bulk Cargo Group* jilħqu l-għan tagħhom li joffru servizz tajjeb u li minnu jgwadi wkoll il-konsumatur.

»Hawn irid jingħad li *Central Cement Limited* issottomettiet li hi ma tif-forma parti minn ebda akkordju jew prattika miftiehma mal-*Burdnara Bulk Cargo Group* sabiex ma taċċettax u ma tużax is-servizzi ta' burdnara oħra li ma jiffurmawx parti mill-imsemmi grupp, iżda li din hi *policy* unilaterali imposta fuqha mill-istess grupp u li għalhekk ma hemmx il-kunsens meħtieġ sabiex jirriżulta ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 379 *da parte* tagħha. It-tribunal ma jaqbilx ma' tali sottomissjoni in kwantu, kif qal korrettement l-uffiċċju, għalkemm ma jirriżultax li din hi *policy* imposta fuqha, *Central Cement Limited* tat il-kunsens tagħha bl-aġir tagħha meta rrifjutat li tqabbad lil terzi li m'humiex membri mill-*Burdnara Bulk Cargo Group*, liema aġir kien indispensabbli sabiex jintlaħaq l-għan tal-grupp li jkunu d-distributuri esklussivi tas-cement. *Inoltre*, *"An undertaking which engages with others in anti-competitive activities … cannot rely on the fact that it did so under pressure from the other participants. It could have complained to the competent authorities about the pressure brought to bear on it and lodged a complaint with the Commission"*[11]. Ir-rifjut esplicitu ta' *Central Cement Limited* li tqabbad lis-soċjetà lanjanti in kwantu hi tqabbad esklussiva-ment lill-membri tal-grupp, magħdud man-numru twil ta' snin li ilu fis-seħħ tali akkordju jew prattika miftiehma u mal-posizzjoni strateġika tal-partijiet fis-suq, ma jħalli l-ebda dubju għat-tribunal li *Central Cement Limited* jiffurmaw parti mill-akkordju jew prattika miftiehma in kwistjoni.

»Kif ġà ingħad l-erba' kriterji tal-artikolu 5(3) huma kumulattivi u għal-kemm ġà jirriżulta li t-tielet kriterju m'huwiex sodisfatt, issir referenza wkoll għar-raba' kriterju tal-istess artikolu. *"The last requirement is that the agreement as a whole must not lead to the substantial elimination*

---

10 »Jones and Sufrin*, EC Competition Law*, Oxford University Press, 2nd Ed., p. 242«

11 »Case T-141/89 Trefileurope Sales SARL v Commission para. 58«

> *of competition*[12]*. Ultimately the protection of rivalry and the competitive process is given priority over potential pro-competitive efficiency gains which could result from restrictive agreements. Rivalry between undertakings on the market should be preserved since rivalry is the essential driver of economic efficiency, including dynamic efficiency.”*[13] L-akkordju jew prattika miftiehma in kwistjoni huma tali li fil-mument tal-ilment eliminaw il-kompetizzjoni in kwantu mil-lat vertikali *Central Cement Limited*, li kienet prattikament l-uniku impurtatur fis-suq rilevanti, irrifjutat li tqabbad lis-soċjetà lanjanti, filwaqt illi mill-lat orizzontali l-membri tal-*Burdnara Bulk Cargo Group*, li kienu l-uniċi distributuri fis-suq rilevanti, pprekludew lis-soċjetà lanjanti milli tifforma parti mill-istess grupp. Għalhekk, lanqas dan l-aħħar kriterju tal-artikolu 5(3) ma jirriżulta sodisfatt u kwindi l-istess artikolu ma jistax jiġi applikat għall-aġir lanjat.«

9. *Central Cement Limited* u *Burdnara Bulk Cargo Group* appellaw b’rikors kull waħda għaliha, fit-13 ta’ Marzu 2017, li l-uffiċċju wieġeb għalihom, separatament, fl-4 ta’ April 2017.

10. Nibdew bl-appell ta’ *Burdnara Bulk Cargo Group* billi l-aggravji ta’ dan jolqtu kemm il-posizzjoni ta’ din l-appellanti nfisha u kemm dak ta’ *Central Cement Ltd.* L-appellanti talbet illi din il-qorti:

> »(1) … … … tħassar is-sentenzi tat-tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur tas-27 ta’ Ottubru 2014 u tal-21 ta’ Frar 2017, filwaqt illi (2) tilqa’ appell imressaq mill-esponenti appellanti kontra d-deċiżjoni tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta tas-6 ta’ Jannar 2010 billi tħassar l-istess u dan (3) bl-ispejjeż … … …«

11. L-appell ġie mfisser hekk:

> »**A. Fatti**
>
> »… … …
>
> »L-appellanti huma lkoll entitajiet legali awtonomi u individwi li joperaw fis-settur tal-ġarr u trasport ta’ merkanzija ta’ siment sfuż u *in bulk* mixxatt fejn l-istess siment jiġi impurtat f’Malta lejn il-klijenti aħħarin tagħhom madwar il-Gżejjer Maltin.
>
> »L-appellanti kollha għandhom liċenzji individwali sabiex joperaw ta’ burdnara skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 203 tal-Liġijiet ta’ Malta u min-numru akbar ta’ burdnara liċenzjati huma biss dawn l-għoxrin (20)

---

12 »*Ibid.* p. 243«

13 »*Commission Guidelines on the application of Article 81(3) of the* Treaty, (2004) OJ C101/97, para. 105«

burdnar li jġorru s-siment sfuż u li huma liberament organizzati fi ħdan dak li jissejjaħ il-*Burdnara Bulk Cargo Group* (il-"*BBCG*"). Il-burdnara l-oħra (111 b'kollox) iġorru kull tip ta' merkanzija sfuża u ppakjata iżda mhux siment sfuż. Il-burdnara kollha membri tal-*BBCG* għandhom liċenzja individwali taħt l-Avviż Legali 146 tal-2003 u huma rikonoxxuti bħala *road haulage operators*.

»Fis-settur tal-importazzjoni tas-siment sfuż ("*bulk cement*") f'Malta, kienet teżisti fid-data tal-ilment dominanza storika tas-suq ġestita minn kumpanija privata ossija *Central Cement Limited* (C-6108) ("*CCL*") li tissodisfa kważi l-ħtieġa totali tas-siment sfuż fil-Gżejjer Maltin u ma' din il-kumpanija jeżistu arranġamenti għall-ġarr ta' dak is-siment madwar Malta lejn il-klijenti aħħarin li jixtru l-istess prodott. Dawn tipikament ikunu kemm kuntratturi ta' portata kbira attivi fil-qasam tal-konstruzzjoni kif ukoll rivendituri żgħar u ħwienet li jbigħu bl-imnut (tipikament *ironmongeries*). Fil-mori ta' dawn l-atti daħlu diversi forni-turi oħrajn fis-suq u din id-dominanza storika llum spiċċat.

»Mas-*CCL*, il-*BBCG* ma għandha l-ebda pretensjoni ta' esklussività fil-ġarr tal-prodotti tagħha madwar Malta u Għawdex iżda huwa ċar li l-burdnara membri tal-*BBCG* baqgħu u għadhom jiġu ingaġġjati u mitluba jirrendu s-servizz tagħhom huma għaliex dejjem u fuq il-medda ta' kważi erbgħin (40) sena fornew servizz tajjeb, ta' min jorbot fuqu u bi prezzijiet kompetittivi immens minħabba l-investiment li għamel kemm il-*BBCG* u l-membri individwali u kif ukoll minħabba s-sistema adoperata sad-data tal-ilment. Huma investew bis-sħiħ fil-flotta ta' trakkijiet adibiti għall-ġarr tas-siment sfuż u organizzaw ruħhom tajjeb ħafna b'tali mod li qatt u fl-ebda waqt tul dawn is-snin ma kien hawn xi kriżi f'dan is-settur jew xi problema fil-fornitura tas-siment dovuta għall-parti tat-trasport fil-katina tad-distribuzzjoni ta' dan il-pro-dott. Persważi wkoll, kif jista' jiġi ampjament ippruvat, li l-prezz li bih jirrendu s-servizzi tagħhom huwa prezz kompetittiv immens li ma fih l-ebda element ta' profitt monopolistiku, ħaġa li dwarha d-direttur ma ressaq l-ebda prova kuntrarja proprju għaliex ma tista' titressaq l-ebda tali prova.

»Dan is-servizz kien jingħata saħansitra qabel ma ġiet formalment kostitwita s-*CCL*.

»Il-*BBCG* u l-burdnara ma jixtrux il-merkanzija huma iżda l-burdnara jittrasportaw l-istess lill-klijenti u jiġbor il-flus tal-ġarr minn għand dak il-konsumatur li jkun xtara s-siment impurtat mis-*CCL*.

»L-investigazzjoni odjerna bdiet wara lment imressaq mil-lanjanti soċjetà *Carmelo Meli Limited* (ġà *Salvu Meli & Sons Limited*) li kellha storja twila u antika ħafna mal-*BBCG* u l-membri tagħha … … … Fis-sustanza, wara li ħafna snin ilu l-lanjanti kienet telqet mill-*BBCG* għaliex kienet tagħmel xogħol ieħor konferit lilha mill-gvern ta' dak iż-żmien (*tramite* s-*Sea Malta Ltd* u l-*Cargo Handling Limited*), hija reċentement talbet mingħajr suċċess illi terġa' tissieħeb fil-*BBCG* wara li x-xogħol l-ieħor li kellha kien ixxotta. Dan mingħajr ma qatt kien hemm l-ebda forma ta' kontribuzzjoni da parti tal-lanjanti fl-investiment massiċċ li għamlu l-membri eżistenti fit-titjib tal-infrastruttura tal-grupp (fosthom it-trakkijiet il-ġodda) u fid-diversi taqbidiet għal kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol li daħlu fihom tul is-snin anke meta kienu parti mill-*General Workers' Union*.

»Meta ma laħqitx l-iskopijiet tagħha s-soċjetà lanjanti talbet lid-direttur jinvestiga l-operat kemm tal-*BBCG* kif ukoll tas-*CCL* taħt il-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kapitlu 376 tal-Liġijiet ta' Malta, u, wara l-proċess ta' investigazzjoni mmexxi mill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta, id-direttur ippubblika d-deċiżjoni tiegħu tas-6 ta' Jannar 2010 fejn *ai termini* tal-artikolu 12A(1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni sab kif ġej:

> »"(a) the vertical agreement between *Central Cement Ltd* and the members of the *Burdnara Bulk Cargo Group* and;
>
> »"(b) the horizontal agreement between the same members of the *Burdnara Bulk Cargo Group*
>
> »"are in breach of article 5(1) of the Competition Act, 1994, as they constitute agreements/concerted practices having the object of preventing competition on the cement markets concerned."

»L-appellanti naturalment ħassuhom aggravati b'din id-deċiżjoni u fil-fatt intavolaw appell minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur (ġà Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust) u matul id-durata tal-proċeduri tressqu provi u sottomissjonijiet sabiex isostnu t-teżi tagħhom li d-deċiżjoni hija manifestament żbaljata fil-fatt u fid-dritt.

»Dawn is-sottomissjonijiet li ġew skartati mit-tribunal jikkostitwixxu l-aggravji tal-appellanti.

»**B. Aggravju**: Regolamenti 169/2009/KE u 1017/68/KEE jeżentaw l-aġir tal-*BBCG* u/jew tas-*CCL* minn anliżi *ai termini* tal-artikoli 5 u 9 tal-Att tal-Kompetizzjoni u/jew Artikoli 101 u 102 tat-TFUE

»L-appellanti jħossuhom aggravati mis-sentenzi appellati għaliex … Regolamenti 169/2009/KE u 1017/68/KEE kellhom bilfors jiġu applikati mill-uffiċju u mit-tribunal u dawn ir-Regolamenti jeżentaw l-aġir tal-*BBCG* minn anliżi *ai termini* tal-artikoli 5 u 9 tal-Att tal-Kompetizzjoni u/jew artikoli 101 u 102 tat-TFUE irrispettivament minn kull kunsiderazzjoni fuq il-mertu.

»Ir-Regolament 169/2009/KE huwa regolament settorjali li japplika għar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur tat-trasport. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ppromulga dan ir-Regolament fis-sena 2009 bl-iskop li jikkodifika u jiġbor fi strument wieħed id-diversi disposizzjonijiet viġenti fuq dan is-suġġett li kienu sparsi f'diversi atti fosthom ir-Regolament 1017/68/KEE li kien ir-Regolament li jikkontjeni l-eżenzjoni vantata mill-esponenti fil-kawża odjerna.

»L-ambitu tar-Regolament 169/2009/KE huwa miġbur tajjeb ħafna fl-ewwel artikolu tiegħu li jaqra hekk:

> »"The provisions of this Regulation shall, in the field of transport by rail, road and inland waterway, apply both to all agreements, decisions and concerted practices which have as their object or effect the fixing of transport rates and conditions, the limitation or control of the supply of transport, the sharing of transport markets, the application of technical improvements or technical cooperation, or the joint financing or acquisition of transport equipment or supplies where such operations are directly related to the provision of transport services and are necessary for the joint operation of services by a grouping within the meaning of Article 3 of road or inland waterway transport undertakings, and to the abuse

of a dominant position on the transport market. These provisions shall apply also to operations of providers of services ancillary to transport which have any of those objects or effects."

»Ma hemmx dubju li l-appellanti huma entitajiet li joperaw fis-settur tat-trasport bl-art u li nstabu ħatja mid-direttur eżattament bl-aġir imsemmi fl-estratt mill-artikolu 1 tar-Regolament 169/2009/KE riportat hawn fuq.

»Ma jista' jeżisti wkoll l-ebda dubju li l-appellanti huma kollha kemm huma impriżi ta' daqs żgħir li l-*gross tonnage* tagħhom huwa ferm anqas mill-massimu previst f'dak ir-Regolament. Dan il-fatt ġie debitament ippruvat anke permezz ta' dikjarazzjoni dwar il-*gross tonnage* kollettiv u individwali tal-appellanti iffirmata minn rappreżentant tal-*BBCG* għaliex (sintomatiku ta' kif tmexxiet din l-investigazzjoni), id-direttur lanqas indenja jikkonstata dan il-fatt bażiku ossija x'inhuwa l-*gross tonnage* individwali u kollettiv tal-appellanti.

»Issa l-artikolu 3 ta' dak ir-Regolament jipprovdi eżenzjoni ġenerali għal impriżi ta' dan id-daqs operattivi f'dan is-settur:

»"Article 3

»"Exemption for groups of small and medium-sized Undertakings

»"Agreements, decisions and concerted practices as referred to in Article 81(1) of the Treaty shall be exempt from the prohibition in that Article where their purpose is:

»"(a) the constitution and operation of groupings of road or inland waterway transport undertakings with a view to carrying on transport activities;

»"(b) the joint financing or acquisition of transport equipment or supplies, where these operations are directly related to the provision of transport services and are necessary for the joint operations of the aforesaid groupings;

»"always provided that the total carrying capacity of any grouping does not exceed:

»"(i) 10 000 metric tons in the case of road transport;

»"(ii) 500 000 metric tons in the case of transport by inland waterway.

»"The individual capacity of each undertaking belonging to a grouping shall not exceed 1 000 metric tons in the case of road transport or 50 000 metric tons in the case of transport by inland waterway.

»"If the implementation of any agreement, decision or concerted practice covered by paragraph 1 has, in a given case, effects which are incompatible with the requirements of Article 81(3) of the Treaty, undertakings or associations of undertakings may be required to make such effects cease.«

»Dan l-artikolu jitkellem waħdu. Huwa assodat mill-provi li t-tribunal kellhu quddiemu għall-apprezzament tiegħu, kif ġà' kellu quddiemu d-direttur, li l-appellanti huma organizzati fi ħdan il-*Burdnara Bulk Cargo Group* (*BBCG*) proprju bħala "*groupings of road or inland waterway transport undertakings with a view to carrying on transport activities"* u li l-kapaċità massima ta' ġarr ta' merkanzija, kemm dik kollettiva kif ukoll dik individwali, hija ferm u ferm anqas mil-limitu msemmi f'dan l-

artikolu. L-appellanti kwindi jgawdu mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u l-aġir tagħhom anke jekk għall-argument jikser l-artikolu 101 tat-Trattat (u l-art. 5 tal-Att) ma jistax jiġi sindakat u punit taħt il-liġi tal-kompetizzjoni.

»Kif ġie ampjament ippruvat fix-xiehda mressqa l-appellanti terġa' huma ferm u ferm 'il bogħod mil-livell stabbilit fir-Regolamenti Ewropej għaliex filwaqt illi l-eżenzjoni tapplika għal impriżi tal-ġarr li għandhom anqas minn 10,000 tunnellata metrika ta' kapaċità, l-appellanti odjerni lkoll flimkien għandhom kapaċità massima ta' ġarr ta' biss 675 tunnellata! Anqas minn ħmistax-il darba anqas mil-limitu minimu fil-leġislazzjoni Ewropea!

»L-appellanti huma impriżi żgħar (lanqas medji), li għadhom essenzjalment ġestiti min-nukleju familjarji tal-burdnar liċenzjat skont il-liġi u li kienu eżattament dawk it-tip ta' impriżi li kellu f'moħħu l-leġislatur Ewropew li jeżenta mill-forza kollha tal-liġi tal-kompetizzjoni.

»Jeżistu ċirkostanzi, bħaċ-ċirkostanzi odjerni, fejn impriżi li jkunu daqstant żgħar bilfors ikunu jridu jagħmlu xi forma ta' kuntatt jew ftehim bejniethom biex ikunu jistgħu jinvestu, itejbu l-prattiċi tax-xogħol tagħhom u joffru servizz aktar kompetittiv. Dawn il-prattiċi għalkemm mad-daqqa t'għajn imorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 101 TFEU u l-artikolu 5 tal-Att ġew ippruvati bħala indispensabbli sabiex jintlaħaq l-għan ta' fornitura ta' servizzi lis-suq (*CCL* u l-klijenti aħħarin f'dan il-każ) u l-evitar ta' *market failure*. Kieku d-direttur indenja jinvestiga fid-dettall l-istruttura tas-suq tal-ġarr tas-siment mix-xatt kien jinduna mill-ewwel bil-qabża fil-kwalità tas-servizz (trakkijiet ġodda, *rosters* li jaħdmu bi preċiżjoni assoluta, flessibilità fil-ħinijiet u fil-kundizzjonijiet u fuq kollox prezzijiet altament kompetittivi kemm lil *CCL* kif ukoll lill-klijenti) li rriżultat wara l-ħolqien tal-*BBCG*. Mhux talli din mhix sempliċi kollużjoni li għandha tkun eliminata jew żarmata iżda talli kienu dawn il-prattiċi li wasslu għal servizz aħjar u prezzijiet kompetittivi.

»U dan kien l-effett li ried jissalvagwardja l-leġislatur Ewropew permezz ta' din is-*safety valve* fornita b'dan ir-Regolament u huwa wkoll evidenti illi l-Att huwa ispirat mit-Trattat u mil-leġislazzjoni sekondarja Ewropea (eż. Regolamenti) u għandu kwindi jiġi interpretat fl-ispirtu ta' dawk l-atti.

»It-tribunal permezz tas-sentenza appellata datata 21 ta' Frar 2017 għażel li ma japplikax dan ir-Regolament u skarta s-sottomissjoni tal-appellanti:

»"… … …

»L-appellanti jħossuhom aggravati bl-apprezzament tal-liġi applikabbli tat-tribunal għaliex … huwa apprezzament kompletament skorrett u bi ksur tal-liġi Maltija kif kienet viġenti dak iż-żmien. … … …

»L-applikazzjoni ta' leġislazzjoni sussidjarja kommunitarja, bħar-Regolamenti 169/2009/KE u 1017/68/KEE, mill-uffiċċju jew mit-tribunal hija dettata mil-liġi stess. … … … L-Att dwar il-Kompetizzjoni (kif kien fiż-żmien meta nbdiet l-investigazzjoni) kien jaqra hekk:

»"Skeda, Regolament 13 kif emendat b'Att Nru. XXVIII ta' 2000

»"Fl-interpretazzjoni ta' dan l-Att il-Kummissjoni għandha tirrikorri għad-deċiżjonijiet tagħha ta' qabel u għall-interpretazzjoni mogħ-

tija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar il-provvedimenti tad-disposizzjonijiet rilevanti tat-trattati, direttivi, regolamenti u deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea relattivi għall-kompetizzjoni.

»"Skeda, Regolament 14 kif emendat b'Att Nru. III ta' 2004

»"Fl-interpretazzjoni ta' dan l-Att, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għad-deċiżonijiet preċedenti tagħha, deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Prim'Istanza u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea. Hija għandha wkoll tirrikorri għad-deċiżjonijiet u dikjarazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea inklużi avviżi interpretattivi fuq id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE u leġislazzjoni sussidjarja relattiva għall-kompetizzjoni.

»"Schedule, Regolament 14 (as amended with Act III of 2004)

»"In the interpretation of this Act, the Commission shall have recourse to its previous decisions, judgements of the Court of First Instance and the Court of Justice of the European Community. It shall also have recourse to relevant decisions and statements of the European Commission including interpretative notices on the relevant provisions of the EC Treaty and secondary legislation relative to competition.

»Qari ta' dawn l-artikoli li huwa anness ma' Skeda annessa mal-Att intitolata *Rules of Procedures relative to the Commission for Fair Trading* juri li l-pożizzjoni taħt il-liġi Maltija hija sempliċissima u li qatt ma nbidlet mit-2010. Hemm obbligu ċar (għandu/*shall*) fuq il-*Commission*, *cioè* il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, u allura t-tribunal in kwistjoni, "għandha wkoll tirrikorri [...] [għal] avviżi interpretattivi fuq id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE u leġislazzjoni sussidjarja relattiva għall-kompetizzjoni' u *'to have recourse to [...] interpretative notices on the relevant provisions of the EC Treaty and secondary legislation relative to competition.* L-appellanti jissottomettu li r-referenza għal-leġislazzjoni sussidjarja jew *secondary legislation* hija ċara fis-sens li qed tirreferi għal Regolamenti 169/2009/KE u 1017/68/KEE.

»Din il-pożizzjoni baqgħet qatt ma nbidlet u infatti L-Att dwar il-Kompetizzjoni (kif emendat illum il-ġurnata) jaqra hekk:

»"**12A** (7). Fl-interpretazzjoni ta' dan l-Att u fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tiegħu, b'mod partikolari l-formulazzjoni tad-deċiżjonijiet, ordnijiet jew rapporti tiegħu, id-Direttur Ġenerali għandu jirrikorri għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u għal deċiżjonijiet u stqarrijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea inkluż avviżi interpretattivi dwar id-disposizzjonijiet rilevanti tat-TFUE u leġislazzjoni sussidjarja relattiva għall-kompetizzjoni u jista' jirrikorri wkoll għad-deċiżjonijiet tiegħu u dawk tat-Tribunal tal-Appell.

»"**12A** (7). In the interpretation of this Act and in the exercise of his responsibilities, in particular in the formulation of his decisions, orders and reports, the Director General shall have recourse to the judgements of the Court of Justice of the European Union, and to relevant decisions and statements of the European Commission including interpretative notices on the relevant provisions of the TFEU and secondary legislation relative to competition and may refer to his decisions and those of the Appeals Tribunal."

»Anzi, wieħed jista josserva li l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni sekondarja ġie assodat, u fuq in-naħa l-oħra l-applikazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Uffiċju u tat-tribunal huwa diskrezzjonali.

»Huwa minnu li l-appellanti fil-proċeduri quddiem it-tribunal issottomettew illi l-prassi konsistenti u twila tal-awtorità u tal-uffiċċju qabilha, prassi li għadha viġenti sal-lum, turi illi anke fejn l-aġir in kwistjoni ma jkunx jaffettwa l-kummerċ bejn l-istati membri (u kwindi ma jkollux dimensjoni Ewropea) l-awtoritajiet Maltin dejjem u konsistentement applikaw l-eżenzjonijiet kollha naxxenti mir-Regolamenti Komunitarji għal aġir ċirkoskritt għal Malta. It-tribunal skarta din is-sottomissjoni għax "ma nġiebet l-ebda prova jew eżempji ta' każijiet oħra fejn dawn ir-Regolamenti ġew applikati għal ċirkustanzi purament domestiċi". Però, l-appellanti qatt ma kellhom l-oneru li jġibu din il-prova għaliex l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti kien u jibqa' obbligu u mhux eżerċizzju diskrezjonali, saħansitra fuq it-tribunal stess! Dan joħroġ evidenti minn qari tal-artikoli surreferiti.

»… … … allaħares ma tkunx hekk is-sitwazzjoni ġuridika għaliex ma jkunx hemm sinkronizzar bejn dak li qed jiġri fuq livell Ewropew u l-prioritajiet u d-direzzjoni li tieħu l-Kummissjoni Ewropea fl-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni u dak li qed isir mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni madwar l-Unjoni Ewropea, inkluż Malta.

»Ċertament huwa sfortunat illi, kuntrarju għal dak li ġara fi stati membri oħrajn bħal pereżempju r-Renju Unit u l-pajjiżi Skandinavi fejn teżisti leġislazzjoni nazzjonali parallela, dawn ir-Regolamenti ma jidhirx li mas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea ġew riflessi fil-liġi Maltija fis-sens illi ma teżisti l-ebda liġi jew Avviż Legali li, bl-istess mod bħalma l-leġislatur Ewropew eżenta entitajiet żgħar mid-dispożizzjonijiet tal-liġi Ewropea, il-leġislatur Malti jeżenta l-istess entitajiet mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att. L-appellanti umilment jissottomettu li ċertament ma setgħetx kienet l-intenzjoni voluta tal-leġislatur Malti li l-impriżi żgħar u medji Maltin ikunu suġġetti għal reġim aktar strett ta' kompetizzjoni li jesponihom totalment għas-suq meta kien l-istess leġislatur Ewropew li offra l-kenn ta' dan ir-Regolament għal entitajiet ta' daqs daqstant żgħir. L-intenzjoni tal-leġislatur … toħroġ biċ-ċar mill-artikoli surreferiti.

»… … …

»**C. Aggravju**: Jeżisti effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri

»*Inoltre*, anke li kieku ma jeżistix dan l-obbligu fl-Att, ir-Regolamenti 169/2009/KE u 1017/68/KEE kellhom jiġu applikati għax hekk jirrikjedi d-dritt kommunitarju. Dan għaliex l-arranġamenti bejn l-appellanti u dawk bejn l-appellanti u s-*CCL* kellhom "*an effect on trade between Member States*" u għalhekk l-artiklu 101 TFUE kien rilevanti għall-vertenza in kwistjoni. … … …

»L-appellanti jissottomettu li dik il-konstatazzjoni, ossija d-dikjarazzjoni li tali allegat ftehim jew prattika miftiehma ma għandha l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropea, hija manifestament żbaljata u tmur kompletament kontra l-insenjamenti tal-awturi u l-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din is-sottomissjoni ġiet skartata mit-tribunal fis-sentenza *in parte* datata 27 ta' Ottubru 2014. L-appellanti huma aggravati bil-fatt li s-sentenza skartat is-sottomissjoni li f'dan il-każ hemm effett fuq il-kummerċ bejn l-istati

membri tal-Unjoni Ewropea u għall-finijiet ta' dan l-appell u sabiex ma jtawwlux iżżejjed jistrieħu fuq in-nota ta' osservazzjonijiet li ġew sottomessi fil-proċeduri appellati.

»L-ewwel sentenza appellata hija żbaljata wkoll fl-analiżi legali li għamel it-tribunal dwar il-kwistjoni tal-*concept of appreciability*. Ma huwiex minnu illi ma ġewx soddisfatti r-rekwiżiti msemmija fl-inċiż 52 tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-effett fuq il-kummerċ[14]. Dan għaliex, *ai termini* tal-paragrafu 52, iż-żewġ kundizzjonijiet isemmija huma kumulattivi u kwindi jekk iż-żewġ kundizzjonijiet ma jiġux ittnejn li huma soddisfatti allura l-preżunzjoni li ma hemmx *appreciable effect* on trade ma tkunx applikabbli u ma tapplikax. It-tribunal kien … kompletament żbaljat fl-analiżi tiegħu fuq dan il-punt.

»Irid jiġi senjalat ukoll il-paragrafu 19 tal-imsemmija Linji Gwida, illi jirrelata mad-dritt ta' stabbiliment (*right of establishment*). Jekk qatt kien jeżisti l-ftehim orizzontali bejn l-appellanti odjerni kif sab l-uffiċċju allura min-natura tiegħu stess dak il-ftehim mhux biss jimpatta l-flussi tal-kummerċ fis-suq relevanti, iżda jaffettwa d-dritt illi per eżempju burdnara esteri jistabbilixxu ruħhom f'Malta. Dan huwa aspett ieħor tal-kwistjoni li juri kif kien hemm *effect on trade between Member States* u mhux kif qal it-tribunal fl-analiżi skarna tiegħu tal-kunċett, analiżi li lanqas biss irriferiet għal din it-tieni kwistjoni mfissra mill-Kummissjoni Ewropea fl-inċiż 19 tal-Linji Gwida.

»Kif kien l-ilment innifsu, liema lment wara l-investigazzjoni ġie aċċettat mill-uffiċċju, kien allegat – u konfermat – illi l-ftehim u l-aġir orizzontali bejn il-burdnara kellu impatt fuq l-istruttura kompetittiva tas-suq u skont il-Linji Gwida fuq imsemmija dan minnu nnifsu jaffettwa l-kummerċ bejn l-istati membri.

»Fuq kollox, *trattasi* ta' prodott importat minn barra minn Malta, peress illi s-suq relevanti huwa s-suq tal-ġarr illi effettivament jikkostitwixxi d-distribuzzjoni tal-prodott importat, *per definizione* jekk hemm aġir illegali kif lanjat dak l-aġir jaffettwa awtomatikament il-prodott u l-kummerċ bejn l-istati nembri. Dan huwa dejjem il-każ f'ċirkostanzi fejn wieħed ikun qiegħed janalizza prodott importat u d-distribuzzjoni tal-istess prodott. Aktar minn hekk, id-dominanza allegata ta' *CCL* tagħmel din l-analiżi aktar ċara.«

12. L-uffiċċju wieġeb hekk:

»Fir-rigward tal-Aggravju B tal-appellanti, l-uffiċċju jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fid-deċiżjoni oriġinali tiegħu kien ġie konkluż li: "*Once the criterion of the effect on trade has not been satisfied, there cannot be a restriction on competition in terms of Article 101(1) TFEU, the Competition Law of the the European Communities does not apply, the convergence rule does not come into force and the Office can apply widely and exclusively national law on competition*" u li għaldaqstant ma japplikaw la dan l-artikolu u lanqas ir-Regolament 1017/68 kif emendat mir-Regolament 169/2009 li huma intenzjonati sabiex jeżentaw l-attivitajiet in kwistjoni mill-applikazzjoni tal-istess

[14] »2004/C 101/07 Commission Guidelines on the effect on trade concept contained in Articles 81 and 82 of the Treaty«

artikolu 101 tat-Trattat; tali Regolament ma jagħtix eżenzjoni mill-applikazzjoni tal-liġijiet lokali tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea iżda biss mill-applikazzjoni tal-artikolu 101 TFEU u li għaldaqstant dak li ġie sottomess mill-appellanti … "*ir-Regolamenti 169/2009/KE u 1017/68/ KEE kellhom bilfors jiġu applikati mill-uffiċċju u mit-tribunal*" ma huwiex korrett. Jiġi mfakkar ukoll, kif innutat mit-tribunal, illi ma saru ebda regolamenti f'Malta biex japplikaw eżenzjonijiet simili għar-Regolament 0107/68 kif emendat mir-Regolament 169/2009 għall-artikolu 5 tal-Kap. 379 u għaldaqstant l-istess Regolament ma jistax jiġi applikat b'xi forma ta' analoġija. Kif spjega t-tribunal, l-appellanti ma ressqu ebda prova li f'xi stat membru ieħor, jew f'Malta stess, saret applikazzjoni simili ta' Regolamenti sabiex tingħata eżenzjoni minn xi liġi lokali, meta r-Regolamenti bħal dawn huma intiżi espliċitament biex japplikaw għal eżenzjonijiet mill-artikoli tat-Trattat.

»Dak li ntqal mill-appellanti … li d-Direttur tal-Kompetizzjoni naqas milli jikkonstata *l-gross tonnage* individwali u kollettiv tal-appellanti kif previst fir-Regolament 169/2009/KE mhuwiex ġust. Dan a kawża tal-fatt li dan l-istess Regolament lanqas biss jista' jiġi applikat għall-akkordji in kwistjoni fl-ewwel post, u għaldaqstant l-akkordji in kwistjoni ma jistgħux jibbenefikaw mill-provvedimenti ta' dan l-istess Regolament, minħabba raġunijiet diġà msemmija; jigi wkoll imfakkar li, kif spjega t-tribunal, żgħir kemm hu żgħir il-*gross tonnage* tal-appellanti, dan jikkonstata [*sic*] s-suq intier f'Malta, u għaldaqstant eżenzjoni bħal din ma tista' qatt tiġi applikata.

»Fejn hu kkoncernat l-Aggravju C tal-appellanti, partikolarment dak li gie sottomess … "dik il-konstatazzjoni, ossija d-dikjarazzjoni li tali allegat fiehim jew prattika miftiehma ma għandha l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropea hija manifestament żbaljata", l-uffiċċju jibqa' jsostni l-pożizzjoni tiegħu li l-aġir tal-appellanti minnu nnifsu ma jaffettwax direttament l-importazzjoni tas-siment iżda jekk xejn dan jaffettwa t-trasport tal-istess ġewwa Malta biss, u limitatament għat-territorju tal-Gżejjer Maltin:

> »"L-ufficcju … ma jaqbilx mal-asserzjoni li l-ftehim in deżamina jikkonċerna attività *cross border* minħabba s-sempliċi fatt li s-soċjetà *Central Cement Limited* timporta s-siment sfuż minn barra l-pajjiż, speċifikament minn Sqallija. Il-Linji Gwida huma preċiżi fuq dan il-punt, u *cioè* illi huwa l-ftehim innifsu li għandu jolqot b'mod apprezzabbli l-kummerċ bejn l-istati membri. Għaldaqstant, il-ftehim li għandu jiġi analizzat huwa dak għat-trasport bit-triq ta' siment sfuż u mhux dak tal-importazzjoni tas-siment. Ovvjament hemm relazzjoni bejn l-importazzjoni ta' din il-merkanzija u t-trasport tagħha, iżda ż-żewġt iswieq huma distinti fis-sens li m'humiex sostitwibbli fihom innifishom."

»Barra minn hekk, dak li qiegħed jiġi sostnut mill-uffiċċju ġie ben tajjeb apprezzat mit-rribunal, meta fid-deċiżjoni tiegħu wasal għall-konklużjoni li l-akkordji in kwistjoni, kemm dak orizzontali bejn il-membri tal-B*urdnara Bulk Cargo Group*, kif ukoll dak vertikali bejn l-imsemmija *Burdnara Bulk Cargo Group* u *Central Cement Limited*, bl-ebda mod ma jistgħu jaffettwaw ossija jħallu impatt fuq il-kummerċ bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropea, u dan peress li tali akkordji jikkonċernaw it-trasport tal-prodott impurtat mill-port f'Malta għad-destinazzjoni meħtieġa f'Malta jew Għawdex, u għaldaqstant ma jikkonċernawx l-importazzjoni tal-prodott fil-pajjiż iżda jikkonċernaw transazzjonijiet

[*sic*] għal kollox intemi u ma jaffettwawx kemm mill-prodott jiġi impurtat, jew jekk fil-fatt jiġix impurtat. Dan ifisser li l-element li joħroġ mill-*Guidelines on the effect on trade concept contained in Articles 81 and 82 of the Treaty (2004/C 101107)* li l-ftehim irid jaffettwa l-kummerċ bejn l-istati membri bl-ebda mod ma ġie sodisfatt.

»Fir-rigward ta' dak li l-appellanti ssottomettew … *cioè* dak li jikkonċerna l-kriterju ta' apprezzabbiltà, l-ufficcju jixtieq jixhet dawl fuq il-fatt li meta waqt l-investigazzjoni tiegħu qies *ii-market share* u *t-turnover* reiattiv tal-kumpaniji appellanti, wasal għall-konklużjoni li tali ma jeċċedux il-figuri msemmija fil-Linji Gwida *Guidelines on the effect on trade concept contained in Articles 81 and 82 of the Treaty 2004/C 101/07'* (illum artikoli 101 u 102 tat-Trattat). Kien għalhekk li l-uffiċċju emmen u għadu jemmen bis-sħiħ illi l-kriterju ta' apprezzabbiltà li l-Linji Gwida jesiġu fuqu, ma ġiex sodisfatt;

»Ma jistax ikun hemm restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni *ai termini* tal-artikolu 101(1), iżda japplika biss l-artikolu 5(1) ta' Kap 379. Huwa minħabba dan il-fatt sagrosant li l-uffiċċju jerġa' jisħaq li ma jistgħux jiġu applikati l-eżenzjonijiet li joħorġu mir-Regolamenti 1017/68 u 169/2009 li japplikaw ir-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bilferrovija, bit-triq u b'mogħdijiet tal-ilma rispettivament, minħabba li dawn jagħtu eżenzjoni biss mid-disposizzjonijiet tat-Trattat u mhux ukoll mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni. Ġaladarba l-leġislatur ma ħalaqx disposizzjonijiet simili li jeżentaw tali ftehim mil-liġi ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kap. 379 japplika bis-sħiħ; dan ukoll in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-ftehim jikkoncerna t-territorju Malti sħiħ u għaldaqstant il-*competition concerns* huma kbar.

»Tajjeb li l-uffiċċju jieħu spunt u jerġa' jsostni li kien hemm ksur plateali tal-artikolu 5 tal-Kap. 379 fis-sens illi l-appellanti *Burdnara Bulk Cargo Group* huma għaqda ta' intrapriżi *ai termini* tal-artiklu 2 tal-Kap. 379, li jfisser "korp ta' persuni (sew jekk inkorporat jew le) li jkun kostitwit bil-għan li jipprpomwovi l-interess kummerċjali tal-membri tiegħu jew ta' persuni rappreżentati mill-membri tiegħu"; u fuq kollox dawn aġixxew kontra l-liġi tal-kompetizzjoni u anzi kien ben saput u dikjarat pubblikament u b'dan għalqu t-territorju Malti (*relevant geographical market)* kollu għall-ġarr tas-siment sfuż.

»Fir-rigward tas-soċjetà *Central Cement Limited*, l-uffiċċju wkoll sab illi din, flimkien mal-appellanti l-oħrajn, kienet involuta fi ftehim vertikali fis-sens illi hemm ostaklu assolut għall-operatur li jixtieq jippenetra s-suq tas-siment sfuż, u dana bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 379, apparti li nstab ukoll, a bażi tal-fatti kif spjegati fid-deċiżjoni tal-uffiċċju stess, illi kien hemm ksur ukoll tal-artikolu 9 bl-aġir tal-appellanti.

»Jidher biċ-ċar li t-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u l- Konsumatur ħa konjizzjoni formidabbli tal-argurnenti mressqa mill-partijiet u fid-dawl taċ-ċirkostanzi huwa meqjus li waqt il-mori tal-proċeduri ma tressqux argumenti li kienu sodisfaċenti biżżejjed sabiex b'xi mod jikkonvinċu lil dan l-istess tribunal sabiex jaltera d-deċiżjoni tal-uffiċċju meta dan kien impona *cease and desist order* fil-konfront tal-konvenuti (illum l-appellanti) kollha u *compliance order* kontra s-soċjetà *Central Cement Limited*. Fuq bażi tal-provi mressqa fl-ewwel stadju, cjoè tat-tribunal, jidher ċar illi tali deċiżjoni tal-uffiċċju għandha tiġi kkonfermata … … …

»… … …

»Kif spjega t-tribunal, minkejja li issa l-lanjant ingħaqad mal-appellanti, (u, kif ġie indikat mill-appellanti, irtira l-ilment tiegħu), dan ma jaffettwax il-fatt illi fil-ħin tal-ilment kien qed isir ksur tal-artikoli 5 u 9 tal-[Att dwar il-]Kompetizzjoni u l-fatt li s-sitwazzjoni ġiet rimedjata ma jistax ineħħi l-fatt illi kien hemm ksur tal-liġi.«

13. Nibdew bit-tieni aggravju, dak dwar l-effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri tal-Unjoni, għax jekk jintlaqa' dak l-aggravju jista' jissaħħaħ – u jekk ma jintlaqax jista' jitwarrab – l-argument illi japplikaw għall-każ tallum id-disposizzjonijiet tar-Regolament 169/2009/KE dwar eżenzjonijiet.

14. Dan l-aggravju huwa ħażin: sewwa jgħid it-tribunal illi l-operazzjonijiet tal-appellanti jibdew wara li l-prodott ikun ġà wasal Malta, u jolqot biss it-trasport intern u mhux l-importazzjoni minn pajjiż ieħor membru tal-unjoni. Hija l-importazzjoni tal-prodott, u mhux il-ġarr tiegħu ġewwa t-territorju Malti, li tolqot il-kummerċ bejn l-istati membri. Dwar ftehim bħal dak bejn il-membri tal-*Burdnara Bulk Cargo Group* il-linji gwida jgħidu "*Horizontal cooperation agreements ... which are confined to a single Member State and which do not directly relate to imports and exports, do not belong to the category of agreements that by their very nature are capable of affecting trade between Member States*". Kien forsi jkun mod ieħor li kieku l-appellanti kienu jġorru l-prodott mill-pajjiż tal-oriġini fl-Unjoni sad-destin-azzjoni finali tiegħu f'Malta, iżda dan ma huwiex il-każ.

15. Dwar l-argument l-ieħor li l-ftehim impunjat jolqot id-dritt ta' burdnara minn pajjiżi oħra tal-Unjoni li jistabilixxu ruħhom f'Malta, sewwa qal it-Tribunal illi fiż-żmien relevanti l-ostakolu kien mhux tant il-ftehim bejn il-membri tal-*Burdnara Bulk Cargo Group* iżda n-*numerus clausus* illi l-liġi kienet timponi fuq in-numru ta' burdnara.

16. Iżda wkoll li kieku l-ftehim bejn l-appellanti kellu potenzjal ta' effett fuq il-kummerċ bejn l-istati membri, biex dak il-ftehim jintlaqat bil-liġi komunitar-ja (li allura teskludi liġi domestika aktar stretta), dak l-effett irid ikun wieħed "apprezzabbli". Il-konsegwenza ta' dan il-fattur hija li jkun "*limiting Community law jurisdiction to agreements and practices that are capable of having effects of a certain magnitude*", fi kliem il-linji gwida. Mela jekk l-effett ma jkunx "*of a certain magnitude*" ma jingaġġjax "*Community law jurisdiction*". Dwar dan, l-appellanti jgħidu illi "*ai termini* tal-paragrafu 52 [tal-linji gwida], iż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija [biex l-effett fuq il-kummerċ intra-komunitarju jitqies "apprezzabbli"] huma kumulattivi u kwindi jekk iż-żewġ kundizzjonijiet ma jiġux it-tnejn li huma sodisfatti allura l-preżunzjoni li ma hemmx *appreciable effect on trade* ma tkunx applikabbli u ma tapplikax"; igħidu wkoll illi ż-żewġ kondizzjonijiet kumul-attivi ma ġewx it-tnejn sodisfatti.

17. Tassew, dan l-argument jitlef ħafna mir-relevanza tiegħu meta tqis illi l-operazzjonijiet tal-appellanti huma fis-suq domestiku u mhux dak bejn l-istati membri. Iżda wkoll jekk ma nqisux dan l-ostakolu, naraw illi ż-żewġ kriterji msemmija mill-appellanti huma "*(a) the aggregate market share of the parties on any relevant market within the Community affected by the agreement does not exceed 5%; and (b) the aggregate annual Community turnover … does not exceed 40 million euro*". Huma l-appellanti li jgħidu illi ma tħarsux dawn il-kondizzjonijiet biex l-oper-azzjonijiet tagħhom ma jitqisux illi jolqtu b'mod apprezzabbli l-kummerċ bejn l-istati membri, u għalhekk huwa fuqhom l-oneru li jagħmlu l-prova ta' dak li qegħdin jallegaw, iżda dik il-prova ma saritx. Għal din ir-raġuni

wkoll – u mhux biss għax il-kummerċ huwa biss domestiku – dan l-argument għandu jitwarrab.

18. Barra minn hekk, l-argument tal-appellanti huwa fih innifsu kemmxejn kontradittorju. L-eżenzjoni *de minimis* tingħata lil operaturi li l-operazzjonijiet tagħhom ma jkollhomx effett apprezzabbli fuq il-kummerċ bejn stati membri tal-Unjoni. Fil-każ tallum l-appellanti qegħdin igħidu illi l-operazzjonijiet tagħhom jintlaqtu bil-liġijiet tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni (fosthom id-disposizzjonijiet dwar l-eżenzjonijiet) għax dawk l-operazzjonijiet jistgħu jkollhom effett "apprezzabbli" fuq dak il-kummerċ – u għalhekk ma humiex *de minimis*. Fl-istess nifs igħidu illi l-operazzjonijiet tagħhom ma jistgħux ikollhom effett "apprezzabbli" fuq dak il-kummerċ u għalhekk tistħoqqilhom l-eżenzjoni *de minimis*. Iżda jekk l-attività kummerċjali hija ta' skala tali li ma tistax ikollha effett fuq is-suq bejn l-istati membri, mela ma tintlaqatx bil-liġijiet tal-Unjoni u tintlaqat, minflok, bil-liġi domestika dwar il-kompetizzjoni.

19. Għalkemm huwa minnu illi l-kriterju *de minimis* għall-eżenzjonijiet u dak dwar jekk l-effett fuq il-kummerċ huwiex apprezzabbli ma humiex l-istess, xorta jibqa' anomalu għall-appellanti illi jippretendu illi l-operazzjonijiet tagħhom jistgħu jkollhom effett apprezzabbli fuq il-kummerċ bejn l-istati membri u għalhekk japplikaw għalihom id-disposizzjonijiet komunitarji dwar il-kompetizzjoni, u mhux dawk domestiċi, iżda fl-istess ħin japplikaw ukoll għalihom l-eżenzjonijiet għax l-operazzjonijiet tagħhom ma jistgħux ikollhom effett apprezzabbli fuq il-kummerċ bejn l-istati membri (li hija r-raġuni għala jingħataw dawk l-eżenzjonijiet).

20. It-tieni aggravju huwa għalhekk miċħud, u ngħaddu għall-ewwel aggravju.

21. L-ewwel aggravju jgħid illi l-każ jintlaqat bir-Regolamenti 169/2009/KE u 1017/68/KEE li jagħtu esenzjoni lil operaturi li huma relattivament żgħar fil-kuntest tas-suq intern komunitarju.

22. Ġà rajna iżda illi, billi l-ftehim impunjat ma jolqotx – jew għall-inqas ma jolqotx b'mod apprezzabbli – il-kummerċ bejn l-istati membri tal-Unjoni, lanqas ma jintlaqat bil-liġi komunitarja, u għalhekk ma jintlaqatx bir-Regolamenti fuq imsemmija.

23. L-allegazzjoni mbagħad illi "anke fejn l-aġir in kwistjoni ma jkunx jaffettwa l-kummerċ bejn l-istati membri (u kwindi ma jkollux dimensjoni Ewropea) l-awtoritajiet Maltin dejjem u konsistentement applikaw l-eżenzjonijiet kollha naxxenti mir-Regolamenti Komunitarji għal aġir ċirkoskritt għal Malta" baqgħet biss allagazzjoni gratuwita.

24. Igħidu wkoll l-appellanti illi "ċertament ma setgħetx kienet l-intenzjoni voluta tal-leġislatur Malti li l-impriżi żgħar u medji Maltin ikunu suġġetti għal reġim aktar strett ta' kompetizzjoni li jesponihom totalment għas-suq meta kien l-istess leġislatur Ewropew li offra l-kenn ta' dan ir-Regolament għal entitajiet ta' daqs daqstant żgħir". Iżda l-appellanti huma "żgħar" fil-kuntest tas-suq Ewropew, mhux fil-kuntest tas-suq domestiku, u huma regolati bil-liġi domestika għax l-effett tal-ftehim bejniethom jinħass biss – iżda b'mod apprezzabbli – fil-kuntest tas-suq domestiku.

25. L-ewwel aggravju wkoll huwa ħażin, u l-appell ta' *Burdnara Bulk Cargo Group* huwa għalhekk miċħud.

26. Ngħaddu issa għall-appell ta' *Central Cement Limited*. L-aggravju ta' din essenzjalment huwa illi hija ma kienet parti f'ebda ftehim ma' *Burdnara Bulk Cargo Group*, iżda kellha imposta fuqha pattika b'deċiżjoni unilaterali ta' *Burdnara Bulk Cargo Group*. Tfisser l-aggravju hekk:

> »Fid-deċiżjoni appellata ġie rikonoxxut illi l-*Burdnara Bulk Cargo Group* imponiet fuq is-soċjetà appellanti li tuża s-servizzi tal-*Group* u t-trasport ta' *cement* b'mod esklussiv.
>
> »Infatti, skond l-istess deċiżjoni appellata, irriżulta li fil-mument li tressaq l-ilment minn *Carmelo Meli Limited* kemm *Central Cement Limited* kif ukoll importaturi oħra tas-*cement* kienu gew preklużi mill-*Burdnara Bulk Cargo Group* milli jġorru u jittrasportaw huma stess is-*cement* minnhom impurtat u għalhekk kellhom jużaw biss is-servizzi tal-istess *Group*.
>
> »Minn dak premess isegwi li s-soċjetà appellanti ma tifforma parti minn ebda akkordju jew prattika miftiehma mal-*Burdnara Bulk Cargo Group* sabiex ma taċċettax u ma tużax is-servizzi ta' burdnara oħra li ma jiffurmawx parti mill-imsemmi *Group*.
>
> »Is-sistema ġiet imposta fuq is-soċjetà appellanti mill-*Burdnara Bulk Cargo Group*, tant li s-soċjetà appellanti kienet addirittura prekluża mill-*Group* milli ġġorr u tittrasporta s-*cement* impurtat minnha stess.
>
> »Minkejja li t-tribunal aċċerta dawn il-fatti, dan xorta waħda ikkonkluda fil-konfront tas-soċjetà appellanti l-akkordju jew prattika miftehma in kwistjoni huma tali li fil-mument tal-ilment eliminaw il-kompetizzjoni in kwantu mil-lat vertikali *Central Cement Limited,* li kienet prattikament l-uniku importatur fis-suq rilevanti, irrifjutat li tqabbad lis-soċjetà lanjanti.
>
> »Bir-rispett jiġi sottomess illi ma kien hemm l-ebda "akkordju jew prattika miftehma" bejn is-soċjetà appellanti u l-*Burdnara Bulk Cargo Group*.
>
> »Din il-konklużjoni tat-tribunal hija għal kollox żbaljata partikolarment *in vista* tal-fatt illi kien l-istess tribunal li kkonstata illi fil-mument li tressaq l-ilment minn *Carmelo Meli Limited* kemm *Central Cement Limited* kif ukoll importaturi oħra tas-*cement* kienu ġew preklużi mill-*Burdnara Bulk Cargo Group* milli jġorru u jittrasportaw huma stess is-*cement* minnhom impurtat u għalhekk kellhom jużaw biss is-servizzi tal-istess *Group*.
>
> »L-artikolu 5 tal-Kap. 379 jiddisponi b'mod ċar u dirett illi biex intrapriża tista' tinstab li kienet parti minn prattiki projbiti jeħtieġ li dik l-intrapriża tkun waslet f'akkordju *ossia* ftehim dwar tali prattiki projbiti.
>
> »Persuna, u allura anke intrapriża, tista' titqies li tkun waslet fi ftehim jew akkordju biss jekk dan tkun għamlitu bil-volontà libera tagħha. Hekk jiddisponi il-Kap. 16.
>
> »Fil-każ odjern ġie rikonoxxut mit-tribunal illi ma kinitx *scelta libera* tas-soċjetà appellanti li tagħmel użu mis-servizzi tal-*Burdnara Bulk Cargo Group*. Minflok, is-soċjetà appellanti ġiet prekluża minn dak il-*Group* *sia* milli ġġorr u tittrasporta hija stess is-*cement* minnha impurtat u *sia*

milli tagħmel użu minn transport provdut minn persuni jew entitajiet li ma kinux jifformaw parti mill-*Group*.

»… … … għalhekk, it-tribunal kien legalment żbaljat meta, fid-dawl tal-*fattispecie* tal-każ minnu stess rikonoxxuti bħala veritjeri, naqas milli jasal għall-konklużjoni li *da parte* tas-soċjetà appellanti ma jirriżultax ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 379.

»Tenut kont ta' dak kollu premess, is-soċjetà appellanti tissottometti li t-talba tagħha sabiex id-deċiżjoni tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta tas-6 ta' Jannar 2010 tiġi riveduta mit-tribunal kellha tintlaqa' mill-istess tribunal.

»Jingħad illi l-interpretazzjoni mogħtija mit-tribunal tal-imsemmi artikolu 5 tal-Kap. 379 u l-applikazzjoni tiegħu fil-konfront tas-soċjetà appellanti huma legalment żbaljati, u għalhekk teżisti raġuni valida sabiex l-istess deċiżjoni tigi kontestata bil-mod kif maħsub fl-artikolu 13(5) tal-Kap. 379.

»Bla preġudizzju għal dak kollu premess, is-soċjetà appellanti tissotto-skrivi u tagħmel tagħha dak kollu ritenut mill-appellanti *Burdnara Bulk Cargo Group* fir-rikors tal-appell tagħhom.«

27. L-uffiċċju wieġeb hekk:

»Dak sosnut mis-soċjetà appellanti fir-rikors ta' appell tagħha, *cioè* dak li "ma tifforma parti minn ebda akkordju jew prattika miftiehma mal-*Burdnara Bulk Cargo Group*" bl-ebda mod ma huwa korrett, u dan għar-raġunijiet spjegati kemm fid-deċiżjoni tal-uffiċċju kif ukoll dik tat-tribunal tal-21 ta' Frar 2017, fis-sens illi s-soċjetà rrifjutat espliċitament illi tqabbad lis-soċjetà lanjanti u dan kien indispensabbli sabiex il-*Burdnara Bulk Cargo Group* jilħqu l-għan tagħhom li jkunu d-distributuri esklussivi fis-suq in kwistjoni, u li ma kienx hemm bżonn ta' ftehim espliċitu bejn il-*Burdnara Bulk Cargo Group* u l-appellanti iżda biss aġir f'dan is-sens.

»Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tas-soċjetà appellanti li s-sistema ġiet imposta fuqha mill-*Burdnara Bulk Cargo Group'* dan bl-ebda mod ma jiġġustifika l-aġir tagħha li tissokkombi għal dak li kien qiegħed jiġi impost fuqha, u jekk stess tali soċjetà appellanti kien imessha ma aċċettatx li ssir parti mill-akkordju jew prattika miftiehma u fuq kollox kien imessha rrapurtat dan l-agir lill-uffiċċju; dan kif ikkonfermat ukoll mit-tribunal fis-sentenza tiegħu tal-21 ta' Frar 2017.

»L-fatt li s-soċjetà appellanti "ġiet prekluża minn dak il-*group sia* milli ġġorr u tittrasporta hija stess iċ-ċement minnha impurtat u *sia* milli tagħmel użu minn trasport provdut minn persuni jew entitajiet li ma kinux jifformaw parti mill-*group*" la jiġġustifika l-aġir tal-istess soċjetà appellanti, *cioè* li tkun parti għall-akkordju ta' natura vertikali bejnha u bejn il-*Burdnara Bulk Cargo Group'* u lanqas ma jinnega l-fatt li dawn aġixxew kontra l-artikolu 5 tal-Kap. 379 u li fuq kollox għalqu t-territorju Malti (*relevant geographical market*) kollu għall-ġarr tas-siment sfuż, u mhux parti sinjifikanti tiegħu biss.

»Is-sottomissjoni tas-soċjetà appellanti li l-interpretazzjoni moglitija mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u l-Konsumatur ta' artikolu 5 ta' Kap. 379 u l-applikazzjoni tiegħu fil-konfront tas-soċjetà appell-

anti huma "legalment żbaljati" la hija ġusta u lanqas korretta. Għall-kuntrarju, meta wieħed jifli bir-reqqa d-deċiżjonl tal-istess tribunal, jinnota li ttieħdet konjizzjoni formidabbli tal-argumenti mressqa mill-partijiet (fosthom *Central Cement Ltd*) u fid-dawl taċ-ċirkostanzi huwa meqjus li waqt il-mori tal-proċeduri ma tressqux argumenti li kienu sodisfaċenti biżżejjed sabiex b'xi mod jikkonvinċu lii dan l-istess tribunal sabiex b'xi mod jibdel id-deċiżjoni oriġinali tal-uffiċċju meta dan kien impona *cease and desist order* fil-konfront ta' kemm is-soċjetà *Central Cement Limited* u *Burdnara Bulk Cargo Group*, kif ukoll *compliance order* kontra s-soċjetà *Central Cement Limited*; tant hu hekk illi t-tribunal ikkunsidra illi t-tielet u r-raba' kundizzjonijiet tal-artikolu 5(3) sabiex ma jiġix applikat l-artikolu 5(1) tal-Kap. 379 ma ġewx sodisfatti.

»L-aġir da parti tas-soċjetà appellanti kien bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-Kap. 379, u dan kif ampjament spjegat fid-deċiżjonijiet kemm tal-uffiċċju kif ukoll tat-tribunal appellati. Barra minn hekk, it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u l-Konsumatur afferma l-korrettezza tad-deċiżjoni tal-uffiċċju, u dan ukoll fuq bażi tal-provi mressqa. … … …«

28. Bla ma nqisu wkoll illi *Central Cement Limited* stess stqarret illi *"the transport of cement is a task exclusively allocated to the Burdnara Bulk Cargo Group*", li timplika deċiżjoni speċifika u deliberata ta' *Central Cement Limited*, effettivemant, kif sewwa osserva t-tribunal, l-imġieba ta' *Central Cement Limited* kienet *se mai* ta' wieħed illi *coactus tamen voluit*. Il-każ jintlaqat preċiżament minn dak li ntqal mill-Qorti tal-Ewwel Grad (illum il-Qorti Ġenerali) tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' *Trefileurope Sales SARL v.* Commission[15]:

»58. The Court considers that the applicant cannot rely on the fact that it participated in the meetings against its will. It could have complained to the competent authorities about the pressure brought to bear on it and lodged a complaint with the Commission under Article 3 of Regulation No 17 rather than participating in such.«

29. Ma saret ebda allegazzjoni ta' tehdid jew użu ta' forza biex *Central Cement Limited* ġiet "prekluża" milli tinqeda bis-servizz ta' terzi għall-ġarr tas-siment, jew biex ġiet imġiegħla tinqeda bilfors bis-servizz ta' *Burdnara Bulk Cargo Group*, u għalhekk hija inevitabbli l-konklużjoni illi kien min-

15 Ara nota 11, *supra*.

jeddha illi *Central Cement Ltd* inqdiet bis-servizz ta' *Burdnara Bulk Cargo Group*. L-imġieba ta' *Central Cement Limited* għalhekk ċertament turi kollużjoni li hija xiehda qawwija li tassew kien hemm dan il-ftehim bejn iż-żewġ appellanti.

30. L-appell ta' *Central Cement Limited* huwa għalhekk miċħud.

31. Il-qorti għalhekk tiċħad iż-żewġ appelli u tikkonferma s-sentenzi appellati.

32. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati bis-sentenzi appellati. L-ispejjeż tal-appell ta' *Burdnara Bulk Cargo Group* tħallashom l-istess *Burdnara Bulk Cargo Group* u l-ispejjeż tal-appell ta' *Central Cement Limited* tħallashom l-istess *Central Cement Limited*.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm